KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
POIARES MADURO
ippreżentati fid-9 ta' Lulju 2009 [1]

1. Din il-kawża tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva tal-VAT [2]. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk ċerti tranżazzjonijiet finanzjarji mwettqa minn partit politiku jikkostitwixxux attivitajiet ekonomiċi għall-għanijiet ta' din id-direttiva.

3. Bejn l-1998 u l-2004 l-appellanti organizzat, għall-gruppi subordinati tagħha, varjetà ta' attivitajiet ta' pubbliċità u reklamar b'konnessjoni ma' diversi elezzjonijiet fl-Awstrija. Essenzjalment, din aġixxiet bħala aġenzija ċentrali tal-akkwisti li tixtri materjal ta' pubbliċità li sussegwentement ġie kkunsinnat lill-gruppi distrettwali u lokali bi ħlas. Hija organizzat ukoll il-ballu annwali tal-partit. Dawn l-attivitajiet ġew deskritti bħala "pubbliċità esterna", b'kuntrast mat-taħriġ ta' uffiċjali tal-partit li kienet tissejjaħ "pubbliċità interna". Il-kawża preżenti tikkonċerna biss "il-pubbliċità interna".

I — Il-fatti u d-domandi preliminari

2. L-appellanti fil-kawża prinċipali hija l-organizzazzjoni reġjonali ta' Carinthia tas-Sozialdemokratische Partei Österreichs (Partit Soċjal Demokratiku tal-Awstrija; is-"SPÖ"). Din l-organizzazzjoni reġjonali hija magħmula minn gruppi individwali distrettwali u lokali. L-organizzazzjoni reġjonali għandha personalità ġuridika individwali, kif għandhom il-gruppi distrettwali, imma l-gruppi lokali ma għandhomx.

4. Fil-prospetti tat-taxxa tagħha, is-SPÖ ddikjarat diversi ammonti fir-rigward ta' dħul mill-bejgħ taxxabbli relatat ma' "pubbliċità esterna" u talbet tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa relatata. Qamet tilwima bejn is-SPÖ u l-awtoritajiet tat-taxxa dwar jekk, fit-twettiq ta' attivitajiet ta' pubbliċità esterna għall-gruppi subordinati tagħha, l-appellanti kellhiex titqies, taħt is-Sitt Direttiva tal-VAT, bħala persuna taxxabbli li hija intitolata li tnaqqas it-taxxa tal-input imħallsa f'dan il-kuntest. Il-Finanzamt Klagenfurt (l-Uffiċċju tat-Taxxa ta' Klagenfurt) ħa l-pożizzjoni li s-SPÖ ma setgħetx titqies bħala persuna taxxabbli għall-għanijiet tad-direttiva. Is-SPÖ appellat lill-Unabhängiger Finanzsenat (tribunal indipendenti tal-finanzi) ta'

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

Klagenfurt, li rrinvija t-tmien domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) L-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva") għandha tiġi interpretata fis-sens li l-"pubblikità esterna" mill-organizzazzjoni reġjonali ta' partit politiku li għandha personalità ġuridika, fil-forma ta' relazzjonijiet pubbliċi, attività ta' informazzjoni, organizzazzjoni ta' manifestazzjonijiet, provvista ta' materjal ta' pubblikità lill-organizzazzjonijiet lokali kif ukoll l-organizzazzjoni ta' ballu annwali (ballu tas-SPÖ), għandha titqies li hija attività ekonomika, jekk b'dan il-mod ikun hemm dħul ġej (parzjalment) billi l-ispejjeż għall-"pubblikità esterna" jiġu addebitati lill-organizzazzjonijiet subordinati tal-partit, li jkollhom personalià ġuridika wkoll (organizzazzjonijiet distrettwali, eċċ.) kif ukoll mill-bejgħ tal-biljetti għall-parteċipazzjoni fil-ballu?

(2) Fl-evalwazzjoni ta' "attività ekonomika" skont l-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva, ikollu konsegwenzi negattivi l-fatt li l-attivitajiet imsemmija fid-Domanda 1 "ikunu riflessi" fuq l-organizzazzjoni reġjonali u f'dan is-sens ikunu utli anki għaliha? Hija fin-natura tal-affarijiet li, fil-kuntest ta' dawn l-attivitajiet, anki l-partit bħala tali kif ukoll l-għanijiet tiegħu u l-orjentazzjoni politika jiġu konstantement pubblikizzati, anki jekk mhux b'mod ċentrali, bħala konsegwenza sekondarja inevitabbli?

(3) Din tibqa' "attività ekonomika", fis-sens iċċitat iktar 'il fuq, meta l-ispejjeż għall-"pubblikità esterna" jaqbżu persistentement u b'mod konsiderevoli d-dħul miksub minn attivitajiet bħal dawn li jiġu mill-addebitu tal-ispejjeż u mill-organizzazzjoni tal-ballu?

(4) Hemm "attività ekonomika" anki meta l-addebitu tal-ispejjeż ma jsirx skont kriterji ekonomiċi li huma immedjatament individwabbli (pereżempju l-prinċipju tal-imputazzjoni tal-ispejjeż lil min jikkawżahom jew jibbenefika minnhom) u l-organizzazzjonijiet subordinati essenzjalment jitħallew jiddeċiedu jekk u b'liema mod jipparteċipaw fl-ispejjeż tal-organizzazzjoni reġjonali?

(5) Hemm "attività ekonomika" anki meta l-addebitu tas-servizzi pubblikitarji lill-organizzazzjonijiet subordinati jseħħ fil-forma ta' kontribuzzjoni, li l-ammont tiegħu jiddependi, minn naħa, min-numru tal-membri tal-organizzazzjonijiet subordinati inkwistjoni, u min-naħa l-oħra, min-numru tad-deputati eletti minnhom?

(6) Fil-kuntest tal-kwistjoni dwar jekk jekk hemmx attività ekonomika, is-sussidji mill-fondi pubbliċi li ma jaqgħux taħt

id-dħul taxxabbli [bħal pereżempju, il-finanzjament tal-partiti skont il-Parteienförderungsgesetz ta' Carinthia (Liġi fuq l-iffinanzjar tal-partiti)] għandhom jitqiesu f'ċertu sens li huma vantaġġi ekonomiċi?

II — Analiżi

5. L-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva tal-VAT jistipula:

"Dawn li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-[VAT]:

(7) Fil-każ li 'l hekk imsejħa "pubbliċità esterna", meqjusa fiha nnifsha, tkun attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 4 (1) u (2) tas-Sitt Direttiva, iċ-ċirkustanza li l-attività ta' relazzjonijiet pubbliċi u r-reklamar elettorali huma karatteristika ċentrali tal-attività tal-partiti politiċi u huma kundizzjoni *sine qua non* għall-implementazzjoni ta' għanijiet politiċi u programmi tipprekludi attività bħal din milli tiġi kklassifikata bħala "attività ekonomika"?

1. il-provvista ta' oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju tal-pajjiż minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

2. l-importazzjoni ta' oġġetti".

(8) L-attivitajiet ipprovduti mill-appellanti, iddefiniti bħala "pubbliċità esterna" huma tat-tip li jitqabblu mal-attività mwettqa minn uffiċċji kummerċjali pubbliċitarji fis-sens tal-Anness D (Numru 10) tas-Sitt Direttiva jew il-kontenut tagħhom jikkorrispondi magħhom? Fil-każ fejn din id-domanda tingħata risposta fl-affermattiv, fid-dawl tal-istruttura tad-dħul u tal-infiq filperijodu li jirrigwarda l-kawża preżenti, il-firxa tal-attività mwettqa tista' tiġi kklassifikata bħala "mhux insinjifikattiva"?"

6. L-Artikolu 4(1), (2) u (5) tas-Sitt Direttiva tal-VAT jistipula:

"1. 'Persuna taxxabbli' tfisser kull persuna li b'mod indipendenti twettaq fi kwalunkwe post attività ekonomika msemmija fil-paragrafu 2, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

2. L-attivitajiet ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-attivitajiet kollha ta' produtturi, kummerċjanti u persuni li jagħtu [jipprovdu servizzi], magħduda attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skop ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandu wkoll jitqies bħala attività ekonomika.

[…]

5. Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku m'għandhomx jitqiesu bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet jew operazzjonijiet li huma jagħmlu bħala awtoritajiet pubbliċi, ukoll meta jiġbru drittijiet, tariffi, kontribuzzjonijiet jew ħlasijiet marbuta ma' dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet.

Iżda meta jidħlu biex jagħmlu dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet, huma għandhom jitqiesu taxxabbli fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet jew operazzjonijiet, billi jekk jitqiesu bħala persuni mhux taxxabbli dawn iwassal għal distorzjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni […]"

7. Il-punt li għandu jiġi stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja huwa jekk il-pubbliċità esterna li twettqet mill-organizzazzjoni reġjonali ta' Carinthia tas-SPÖ tikkostitwixxix "attività ekonomika" skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tas-Sitt Direttiva tal-VAT, biex din l-organizzazzjoni ssir "persuna taxxabbli" skont din id-direttiva. Jekk hu hekk, l-organizzazzjoni reġjonali ta' Carinthia mbagħad tkun tista' titlob id-dritt li tnaqqas it-taxxa tal-input imħallsa, taħt l-Artikolu 17 tad-direttiva; jekk le, ma tkun tista' ssir ebda talba bħal din.

8. Il-kliem stess tad-dispożizzjonijiet rilevanti juru b'mod ċar li t-terminu "attivitajiet ekonomiċi" għandu jingħata interpretazzjoni wiesgħa. Kif ġie spjegat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza T-Mobile Austria, "l-analiżi […] turi b'mod ċar kemm hu wiesa' l-kamp ta' applikazzjoni kopert mill-kunċett ta' attivitajiet ekonomiċi u n-natura oġġettiva tiegħu, fissens li l-attività hija kkunsidrata fiha nfisha, indipendentement mill-għanijiet jew mir-riżultati tagħha" [3]. Għaldaqstant, "l-istadji kollha tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-provvista ta' servizzi" [4] jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 4.

9. Madankollu, l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 4(2) jistgħu jitqiesu għal kollox li huma "attivitajiet ekonomiċi", u l-persuna li tagħmilhom titqies bħala "persuna taxxabbli", f'każ biss li dawn ikollhom skop li jinkiseb

3 — Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2007, T-Mobile Austria *et* (C-284/04, Ġabra p. I-5189, punt 35); ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Frar 2006, University of Huddersfield (C-223/03, Ġabra p. I-1751, punt 47).

4 — Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, MGK-Kraftfahrzeuge-Factoring, (C-305/01, Ġabra p. I-6729, punt 42).

dħul fuq bażi kontinwa [5]. Konsegwentement, jekk attività tipproduċi dħul okkażjonalment biss, jew ma tipproduċi ebda dħul, il-persuna li twettaq dik l-attività ma tikkwalifikax bħala "persuna taxxabbli" bid-dritt li tnaqqas it-taxxa tal-input imħallsa.

10. Barra dan, l-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva tal-VAT jistipula li "il-provvista ta' oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas" għandha tkun suġġetta għall-VAT. Ħawnhekk, l-eżistenza tal-ħlas hi prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-VAT għal tranżazzjoni speċifika. Din id-dispożizzjoni hi parti mit-Titolu II, li jiddefinixxi l-iskop tad-direttiva fit-totalità tagħha. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni ta' kull dispożizzjoni oħra tad-direttiva għandha ssir fid-dawl tal-Artikolu 2. Jien naqbel mal-Finanzamt Klagenfurt, il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni li l-provvista ta' servizzi bla ħlas ma tikkostitwixxix "attività ekonomika" għall-iskopijiet tal-Artikolu 4 tad-direttiva.

11. L-ewwel ħaġa li għandha tiġi osservata hija li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, provvista ta' servizzi hi taxxabbli għall-iskopijiet ta' VAT "f'każ biss li jkun hemm rabta diretta bejn is-servizz provdut u l-ħlas irċevut" [6]. Barra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà eżaminat l-effett tar-rekwiżit tal-ħlas fuq il-provvista ta' informazzjoni u servizzi ta' reklamar. Il-kawża Hong Kong Trade Development Council [7] kienet tikkonċerna r-rifjut tad-Dipartiment tat-Taxxa Olandiż li jirrikonoxxi lill-Hong Kong Trade Development Council fl-Olanda bħala persuna taxxabbli. L-uffiċċju kien jipprovdi bla ħlas lin-negozjanti b'informazzjoni dwar Hong Kong u l-opportunitajiet għal kummerċ ma' ditti f'Hong Kong. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan l-uffiċċju ma setax jitqies bħala persuna taxxabbli peress li ma kienx jiġġenera dħul mill-provvista ta' informazzjoni. Hi ddikjarat li "meta l-attività ta' persuna tikkonsisti esklussivament fil-provvista ta' servizzi bla ebda ħlas dirett, ma hemmx bażi għal stima u s-servizzi b'xejn inkwistjoni għaldaqstant mhumiex soġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud. F'ċirkustanzi bħal dawn il-persuna li tipprovdi servizzi għandha tiġi assimilata ma' konsumatur finali […]. Fil-fatt, ir-rabta bejnha u r-riċevitur tal-oġġetti jew servizz ma taqax taħt kategorija ta' kuntratt li x'aktarx ikun is-suġġett ta' armonizzazzjoni tat-taxxa […]; f'dawk iċ-ċirkustanzi, servizzi pprovduti bla ħlas huma ta' natura differenti minn tranżazzjonijiet taxxabbli li, fi ħdan il-qafas tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud, jippresupponu l-istipulazzjoni ta' prezz jew ħlas" [8].

12. Il-kwistjoni tal-provvista ta' servizzi ta' reklamar ikkummissjonati b'mod ċentrali spiċċat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Apple and Pear Development Council [9]. Il-Kunsill kien korp imwaqqaf taħt id-dritt pubbliku li l-funzjonijiet tiegħu kellhom x'jaqsmu mar-reklamar u l-promozzjoni tal-kwalità ta' tuffieħ u lanġas imkabbra fl-Ingilterra u Wales. Dan kien iffinanzjat

5 — Sentenza tal-4 ta' Diċembru 1990, van Tiem (C-186/89, Ġabra p. I-4363, punt 18); sentenza tad-29 ta' April 2004 (EDM, C-77/01, Ġabra p. I-4295, punt 48); sentenza T-Mobile Austria, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3, punt 38.

6 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Frar 1981, Coöperatieve Aardappelenbewaarplaats, (154/80, Ġabra p. 445, punt 12); sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Novembru 1988, Naturally Yours Cosmetics (230/87, Ġabra p. 6365, punt 11).

7 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' April 1982, Hong Kong Trade Development Council (89/81, Ġabra p. 1277).

8 — Ibid., punt 10.

9 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Marzu 1988, Apple and Pear Development Council, (102/86, Ġabra p. 1443).

permezz ta' ħlas annwali mandatorju minn dawk li jkabbru t-tuffieħ u l-lanġas b'rata li ma teċċedix jew ammont speċifiku skont kull ettaru ta' art imħawla b'siġar tat-tuffieħ u l-lanġas, jew ammont speċifiku skont kull 50 siġra mħawla fuq l-art ta' produttur. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-funzjonijiet tal-Kunsill kellhom x'jaqsmu mal-interess komuni tal-produtturi u kull benefiċċju mill-attività ta' reklamar tiegħu gawdiet minnu l-industrija kollha kemm hi; bdiewa individwali gawdew minn dawn il-benefiċċji b'mod indirett. Barra dan, ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn il-livell ta' benefiċċji li tgawdew minn bdiewa individwali u l-ammont tal-ħlas mandatorju li kellhom iħallsu lill-Kunsill. Il-ħlas kien konsegwenza ta' obbligu mhux kuntrattwali imma statutorju u kellu jinġabar indipendentement minn jekk il-bidwi individwali kienx attwalment ibbenefika mill-attività ta' reklamar tal-Kunsill. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-attività "ma kinitx tikkostitwixxi 'il-provvista ta' servizzi magħmula bi ħlas'" [10].

13. L-effett tal-ġurisprudenza ċċitata hawn fuq meħuda kollha flimkien ġie spjegat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Tolsma [11]. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, R. J. Tolsma, kien mużiċista tat-triq li kien jiġbor għotjiet mingħand dawk li jkunu għaddejjin mit-triq. L-awtoritajiet tat-taxxa Olandiżi imponew il-VAT fuq din l-attività. Huwa sostna li l-għotjiet ma kinux suġġetti għall-VAT peress li ma kien hemm ebda obbligu fuq dawk li jkunu għaddejjin mit-triq sabiex iħallsuh xi flus, u meta kienu jiddeċiedu li jagħmlu hekk, kienu jistabbilixxu l-ammont huma stess. L-awtoritajiet tat-taxxa ħadu l-pożizzjoni li kien hemm rabta diretta bejn is-servizz ipprovdut u l-ħlasijiet miksuba, bir-riżultat li l-attività tiegħu kienet tikkostitwixxi provvista ta' servizzi bi ħlas. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "provvista ta' servizzi tiġi effettwata 'bi ħlas' skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva, u għalhekk hi taxxabbli, biss fejn hemm relazzjoni legali bejn il-fornitur tas-servizz u r-riċevitur li abbażi tagħha ikun hemm obbligazzjonijiet reċiproċi, ir-remunerazzjoni li jkun irċieva l-fornitur tas-servizz tkun tikkostitwixxi l-valur li attwalment ikun ġie mogħti lura għas-servizz ipprovdut lir-riċevitur" [12].

14. Fil-kawża preżenti, il-qorti nazzjonali tistqarr, fid-digriet tar-rinviju, li bejn l-1998 u l-2003 l-organizzazzjoni reġjonali tas-SPÖ talbet ħlasijiet għal servizzi ta' reklamar u pubbliċità lill-gruppi distrettwali u lokali sa ċertu punt biss. Ma kienu jeżistu ebda kriterji ċari għall-kalkolu ta' dawn il-ħlasijiet, u jidher li l-gruppi subordinati kellhom il-libertà li jiddeċiedu għalihom infushom — skont ir-riżorsi finanzjarji tagħhom - jekk jikkontribwixxux għall-ispejjeż tal-organizzazzjoni reġjonali. Evidentement, is-SPÖ ma kellha ebda regoli interni tal-partit li jirregolaw il-mod kif jintalab ħlas għal servizzi bħal dawn. Is-sitwazzjoni nbidlet ftit fl-2004. Minn dik is-sena, għal ċerti servizzi ta' pubbliċità bdiet tinħareġ fattura lill-gruppi distrettwali fil-forma ta' "ħlas għall-pubbliċità", bl-ammont tagħha jiġi stabbilit skont in-numru tal-membri tal-partit fid-distrett rilevanti u n-numru tal-membri tal-parlament eletti minn dak id-

10 — *Ibid.*, punt 17.

11 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 1994, (C-16/93, Ġabra p. I-743).

12 — *Ibid.*, punt 14.

distrett. Dawn il-flus kienu jkopru biss parti limitata tal-ispejjeż li saru mill-organizzazzjoni reġjonali tas-SPÖ, li kellha telf sostanzjali mill-attivitajiet ta' reklamar u ta' pubbliċità tagħha.

15. Fil-fehma tiegħi hu ċar li l-kawża preżenti tixbah lill-kawżi Hong Kong Trade Development Council, Apple and Pear Development Council u Tolsma. Għall-perijodu bejn l-1998 u l-2003, ma kien hemm ebda sistema fis-seħħ biex jiġu ttrasferiti b'mod regolari l-ispejjeż ta' pubbliċità fuq il-gruppi distrettwali u lokali: dawn il-gruppi ma kellhom ebda obbligu, kuntrattwali jew mod ieħor, biex jikkontribwixxu; u jekk huma għamlu dan, kien jiddependi minnhom biex jistabbilixxu, skont is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, l-ammont tal-kontribuzzjoni. Arranġament bħal dan jikkostitwixxi provvista ta' servizzi mingħajr ħlas dirett.

16. Essenzjalment, is-sistema introdotta fl-2004 mhijiex differenti f'xi aspett sinjifikattiv. Mill-ġdid, ma kienx hemm obbligi reċiproċi: il-gruppi subordinati mhux tassew ħallsu għas-servizzi li kienu qed jirċievu, peress li l-valur tal-kontribuzzjonijiet li huma ħallsu lill-organizzazzjoni reġjonali ma kienx jikkorrispondi għall-valur attwali tas-servizzi ta' pubbliċità u reklamar tagħha; u l-kontribuzzjonijiet kienu kkalkulati b'rata fissa bbażata fuq in-numru ta' membri tal-partit f'distrett partikolari u n-numru ta' deputati eletti f'dak id-distrett. Hu minħabba f'hekk li l-organizzazzjoni reġjonali ġarrbet telf sinjifikattiv u persistenti. Barra dan, il-pubbliċità maħluqa bl-attivitajiet tal-organizzazzjoni reġjonali kienet tibbenefika lill-partit kollu kemm hu; kwalunkwe benefiċċju meħud mill-gruppi distrettwali jew lokali ma kienx individwali jew dirett, imma anċillari u indirett.

17. Fl-aħħar nett, hemm punt iktar wiesa' li jrid isir dwar in-natura tal-pubbliċità u tar-reklamar fil-kawża preżenti. Kif ġie argumentat korrettement mill-Finanzamt Klagenfurt u l-Gvern Grieg, dan hu każ tipiku ta' diskors politiku. Il-partiti politiċi ma jidħlux f'kampanji ta' pubbliċità u ta' reklamar biex jiġġeneraw id-dħul imma biex iwasslu l-ideat tagħhom lill-pubbliku. Huma jilagħbu rwol ċentrali fis-sistema ta' rappreżentanza demokratika u l-attivitajiet li jorganizzaw biex jilħqu lin-nies huma parti mill-funzjonijiet li jwettqu bħala parteċipanti fi ħdan din is-sistema. Kwalunkwe element finanzjarju li jkun involut fil-pubbliċità tal-partit hu subordinat għan-natura politika ta' tali pubbliċità. Meta l-organizzazzjoni reġjonali tas-SPÖ wettqet attivitajiet ta' "pubbliċità esterna" għal gruppi subordinati tagħha fir-rigward ta' numru ta' elezzjonijiet differenti fl-Awstrija (elezzjonijiet għall-kunsill muniċipali, għall-parlament reġjonali, għall-parlament federali jew għall-presidenza federali) hi ma kinitx qed taġixxi bħala attur ekonomiku ggwidat minn kunsiderazzjonijiet finanzjarji iżda bħala organizzazzjoni politika li kellha l-għan ta' rebħa elettorali.

18. Din il-konklużjoni ma tiġix imxejna mill-fatt li s-SPÖ rċeviet fondi mill-Istat taħt

il-leġiżlazzjoni Awstrijaka rilevanti dwar il-finanzjament tal-partiti. Dawn il-fondi ma jikkostitwixxux dħul iġġenerat minn attività ekonomika; f'sistema demokratika l-partiti jingħataw il-finanzjament pubbliku sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet pubbliċi tagħhom għal benefiċċju taċ-ċittadini. Tabilħaqq, l-eżistenza tal-finanzjament pubbliku ssaħħah il-pożizzjoni li l-attivitajiet ta' pubbliċità tal-appellanti mhumiex attivitajiet ekonomiċi li jinvolvu ħlas. L-Istat Awstrijak iffinanzja s-SPÖ preċiżament għax din mhijiex attur ekonomiku ordinarju iżda grupp politiku li l-prijoritajiet tagħha huma differenti minn dawk ta' ditta kummerċjali. Għaldaqstant, ma hemmx raġunijiet għalfejn l-appellanti tiġi kkomparata ma' aġenzija kummerċjali ta' pubbliċità, li, min-natura tagħha, qiegħda fin-negozju tal-pubbliċità sabiex tagħmel il-flus. B'kuntrast ma' dan — jekk nista' niġi skużat għall-ironija — ġeneralment ma jkunx xieraq għal partit politiku li jidħol f'attivitajiet politiċi bl-għan li jikseb profitt monetarju: normalment, dan jiġi kkunsidrat bħala korruzzjoni.

19. Wara li għidt dan, nixtieq nirrileva li jista' jkun hemm ċirkustanzi meta partit politiku jidħol f'attivitajiet ekonomiċi li huma ta' natura kummerċjali, u jipprovdi oġġetti jew servizzi bi ħlas. Waqt is-smigħ orali, il-Gvern Grieg ta eżempji ta' partit li kien fetaħ u kien jopera ħanut li kien ibigħ prodotti organiċi u ieħor li kien ibigħ spazju ta' pubbliċità fil-pubblikazzjonijiet tiegħu. Jien naħseb li żżewġ attivitajiet huma "attivitajiet ekonomiċi" għall-għanijiet tad-direttiva u jirrendu l-partit "persuna taxxabbli" suġġetta għall-VAT. Imma l-attivitajiet ta' "pubbliċità esterna" talorganizzazzjoni reġjonali tas-SPÖ ma kinux attivitajiet bħal dawn.

III — Konklużjoni

20. Jien għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għaddomandi preliminari li l-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar Taxxi fuq id-Dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima għandha tiġi interpretata b'tali mod li "pubbliċità esterna" mill-organizzazzjoni reġjonali ta' partit politiku li għandha personalità ġuridika, fil-forma ta' relazzjonijiet pubbliċi, attività ta' informazzjoni, organizzazzjoni ta' manifestazzjonijiet, provvista ta' materjal ta' pubbliċità lill-organizzazzjonijiet lokali kif ukoll l-organizzazzjoni ta' ballu annwali ma għandhiex titqies bħala attività ekonomika jekk ikun hemm dħul millispejjeż tal-"pubbliċità esterna" li (parzjalment) jgħaddu fuq l-istrutturi tal-partit li

għandhom ukoll personalità ġuridika awtonoma (gruppi distrettwali eċċ) u mill-ħlasijiet tal-entratura mill-organizzazzjoni tal-ballu. Organizzazzjoni reġjonali bħal din mhijiex f'pożizzjoni komparabbli ma' dik ta' aġenzija kummerċjali ta' pubbliċità.

Barra minn hekk, sussidji minn fondi pubbliċi mħallsin lill-partit politiku taħt il-liġi nazzjonali dwar il-finanzjament tal-partiti mhumiex vantaġġi ekonomiċi li jagħmlu l-attività rilevanti "attività ekonomika" għall-għanijiet tas-Sitt Direttiva tal-VAT.